MEJJU 2012 – IT-32 SENA – GĦADD 320– NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



# dawlFranġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

















3 **L-Omm - il-benniena tal-imħabba**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

7 **L-Isqof Paul Darmanin iżur lill-Komunitajiet f'Wajir**
minn Fr Joe Alessandro OFMCap

11 **Poeżija**
minn Mario Griscti

12 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

14 **Qaddisin ta' Żmienna (11)**
minn Tony C. Cutajart

16 **Storja tal-Kapuċċini**
minn Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.E.C., M.A.

17 **Reċensjoni**

18 **Gi.Fra**
minn Marija Spiteri

19 **Anniversarju**

22 **Franġiskanismu**
minn P. Ivan Scicluna OFMCap

24 **Kultura**

25 **Poeżija**
minn Alfred Palma

26 **Novella**
minn John Caruana

28 **Teoloġija tal-ġisem**
minn Patri Mario Attard OFMCap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap



**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**




*Qoxra:*
**Il-Madonna qed tkun ikkarezzata minn binha Ġesù simbolu ta' gratitudni li l-iben għandu jkollu lejn ommu frott l-imħabba li jkun irċieva mingħandha stess.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Printit
Tel: 2189 4446/7

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2012
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# L-OMM il-benniena tal-imħabba

Nhar it-13 ta' Mejju se jkun iċċelebrat Jum l-Omm. Hija festa għażiża fejn fiha niftakkru fil-kontribut kbir u siewi li l-ommijiet taw u għadhom jagħtu lis-soċjetà u lil Knisja Maltija. Neħħi l-ommijiet u ma jibqagħlek xejn għajr iltiema!

- **X'tista' tagħmel persuna mingħajr id-don tal-omm?**
- **Min fejn se ġġib dik l-imħabba mhux ikkundizzjonata li għagħlha taffaċċja l-eqqel imwieġ tal-ħajja sakemm tasal fil-port tas-sewwa?**

Il-ħajja llum tbiddlet bil-bosta. Huma ħafna dawk l-ommijiet li, għal diversi raġunijiet, ikollhom iħallu lil uliedhom warajhom u jmorru fid-dinja tax-xogħol. Il-kontribut tagħhom huwa ta' min ifaħħru u japprezzah. Imma ħafna drabi jkollhom iħallsu prezz qares għalih. Ħafna huma dawk li jilmentaw għaliex wara li jiġu mkissra minn ġurnata xogħol, isibu ma' wiċċhom xebgħa tindif, ħasil u tisjir fid-dar. Uħud ma felħux għal din is-sitwazzjoni tant li spiċċaw biex dabbru rashom u isseparaw. Oħrajn, għall-ġid tal-familja, għalqu ħalqhom u ssuktaw imiddu jdejhom għax-xogħol akkost li jinħelbu. Hemm imbagħad dawk li, għaliex huma qalbiena, seħħilhom jaffaċċjaw lil żwieġhom u lil uliedhom u, bi mħabba kbira, irnexxielhom ifehmuhom is-sitwazzjoni u talbuhom jagħtuhom daqqa t'id. Bid-djalogu kien hemm min wasal.

Kif qegħdin naraw, ommijiet jeżistu ta' kull xorta. Hemm dawk li telquhom żwieġhom u tgħabbew bil-piż tal-familja waħedhom. Minflok ħarbu mill-iebes daħlu għalih bi mħabba liema bħalha u rabbew lil uliedhom b'għożża u għaqal kbir. Irridu niftakkru wkoll f'dawk l-ommijiet li baqgħu ma' żwieġhom, imma qegħdin jgħixu ħajja taż-żwieġ tassew medjokri. Il-karattru iebes ta' żwieġhom għamel il-ħajja tagħhom fid-dar miżerja sħiħa. Uliedhom stess jagħrfuh dan għaliex ifittxu iżjed lilhom minn missirijiethom. Mhux l-ewwel darba li smajt b'widnejja ulied stess jgħidu lil ommijiethom: **"Mà. Int ir-*role model* tiegħi!"** Jeżiżtu mbagħad ommijiet li fil-ħajja miżżewġin tagħhom għandhom il-ħabib minn wara dahar żwieġhom. Qegħdin jgħixu ħajja doppja. Jiffissaw fuq uliedhom bil-għan li jippruvaw jimmansaw il-kuxjenza tagħhom għat-taħwid li qegħdin iħawdu. Imbagħad xi ngħidu għal ommijiet mhux miżżewġin li l-partners tagħhom ħallewhom bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa? Kienu rġiel fl-artab u fil-ħelu, iżda meta ħabtu wiċċhom mar-responsabbiltà ħarbu mill-istorja iktar minn żiffa riħ!

Hemm imbagħad ommijiet li wliedhom huma priġunieri tad-droga jew qegħdin jiskuntaw xi sentenza fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Min jista' jfisser id-dulur tagħhom? Minn xiex jgħaddu? Jew dawk l-ommijiet li wliedhom ġew misruqa, imsawta jew maqtula? Teżiżti mediċina li ġġibilhom lil uliedhom lura mill-ġdid? Lanqas ma rridu ninsew lil dawk l-ommijiet li wliedhom jinsabu f'xifer il-ħajja minħabba marda terminali. Min jista' jidħol għalihom biex ifarraġġhom fil-qsim il-qalb tagħhom jekk mhux qawwa li tissupera dak kollu li hu tal-bniedem?

Il-Prinċipessa Diana, qalet hekk: A mother's arms are more comforting than anyone else's. L-omm tibqa' tħobb, taħfer, tfarraġ, u tagħti lilha nnifisha. Hija l-aħħar persuna li tiċċaqlaq minn taħt is-salib ta' wliedha. Il-fedeltà tagħha hija l-benniena tal-imħabba ta' Alla fostna. Omm, ibqa' omm! •

# Is-Slaten ta' Iżrael (1)



## PREŻENTAZZJONI

Spiċċajna bil-mod il-mod is-sensiela ta' **"Persunaġġi Nisa fil-Bibbja"**. Mill-*feed back* li għandi naf li din is-sensiela ntlaqet tajjeb ħafna, aktar u aktar għall-mod stupend li dan il-materjal kien jiġi ppreżentat ukoll bil-kulur fuq din ir-revista **"Dawl Franġiskan"**. Dan il-feed back wasalli wkoll minn studenti tal-Università. Tassew ħaġa sabiħa. Intlabt biex inkompli nikteb: Ġietni l-idea li nibda sensiela ta' tagħrif dwar is-Slaten ta' Iżrael, persunaġġi li magħhom Alla rabat wegħdiet kbar tassew, persunaġġi li mexxew il-poplu magħżul fi żminijiet tant imwiegħra, talin li wħud minnhom ħallew sfreġju kbir fl-Istorja tas-Salvazzjoni, filwaqt li oħrajn kienu tassew li għoġbu lil Alla! Imma hekk jaf jagħmel Alla, jikteb dritt fuq linji mgħawġin.

Issa billi xi wħud minn dawn is-slaten kellhom **missjoni mifruxa u wiesa ħafna**, forsi ma jkunx possibbli li f'ħarġa waħda jidħol il-materjal kollu. Imma dan ix-xogħol tekniku nħallih f'idejn Patri Leonard Falzon li tant isus u jinsisti miegħi. Ngħidilkom il-verità nistħi minnu! Jalla dan il-materjal Bibbliku jkompli jixprunana biex fil-Kelma t'Alla miktuba niltaqgħu aktar qrib mal-Iben ta' Alla magħmul bniedem (*Verbum Domini*, nru 25).



## DAĦLA

Meta nitkellmu mis-slaten fl-art ta' Iżrael, prinċipalment għandu jiġina f'moħħna Sawl, l-ewwel sultan, u naslu sal-aħħar wieħed dak ta' qabel l-eżilju ta' Babilonja, Sedekija. Kienet is-sena 586 qabel Kristu. Kull sultan kellu t-tajjeb u dak anqas tajjeb tiegħu, mela l-ħażin tiegħu wkoll. Kull sultan kellu kapaċitajiet biex imexxi, ta' wieħed differenti minn tal-ieħor. Kull sultan kien moħħu fit-twemmin ta' missirijietu, wieħed aktar mill ieħor. Kull sultan kien jaf li huwa qiegħed hemm b'amar ċar u preċiż ta' Alla (1Sam 8:22). Madanakollu mhux ilkoll imxew ma' dak li kienet titlob minnhom it-Torah. Bnedmin kienu u minkejja d-dikla biż-żejt xorta waħda bnedmin fraġli baqgħu. U għalhekk il-konsegwenzi tagħhom kienu kbar tassew.

J.G. Greenhough fil-ktieb tiegħu ***"The Kings of Israel"***, jikteb hekk dwar is-slaten tat-Testment il-Qadim: **"Erba' minn kull ħamsa ta' dawn is-slaten kienu neqsin u ħfief sew minn moħħhom. Nies li moralment kienu baxxi ħafna u korrotti, jekk mhux ukoll boloh; l-għaqal ma jafux fejn kien jinsab. Imma kultant, kont issib wieħed tassew tal-affari tiegħu, serju u jibża' tassew minn Alla. Kien qisu bħal meta tiltaqa' ma' oasi ġod-deżert sħun u niexef tas-Saħara; jew issib xi djamant rari qalb munzell demel. Hosija jkisser il-linja ta' bosta slaten li kienu ta' karattru monotonu u ta' wiċċ imdejjaq. Huwa jqum b'rasu merfugħa 'l fuq, għaliex għamel dejjem il-ġid ma' kulħadd u li kien xieraq li tħares lejh biex tħobbu"**. Meta għad naslu biex niddeskrivu ħajjet u mġibiet dan is-sultan għad naraw kemm dan il-kliem huwa veru tassew.

## MINISTERU TAS-SULTAN

Però, ilkoll kemm huma s-slaten ta' Ġuda u dawk ta' Iżrael kellhom ċerti ministeri komuni, liema ministeri kienu jagħfsu waħda sew fuq spallejhom. Issa kien hemm min jagħti kashom u jipprattikahom, ukoll għaliex ċerti profeti kienu

jwiddbuhom u jċanfruhom, eżempju, Samwel lil Sawl, u Natan lil David, kien hemm slaten oħrajn li assolutament xeħtu taħt saqajhom u kasbru dawn il-ministeri mposti fuqhom għal kollox, eżemju, Manasse. Dan li se nippruvaw naraw f'dan l-artiklu.

Il-prinċipju tad-dinastija fejn tidħol is-suċċessjoni għat-tron, ma tantx ġie mħaddem fis-saltna ta' Fuq, jiġifieri Iżrael bil-belt kapitali Samarija. Dan għaliex ġeneralment xi ġeneral kien iqum kontra s-sultan u bl-akbar mod inġust u krudil kien ineħħih minn fuq it-tron bil-qerq kollu immaġinabbli u jilħaq hu. Iżda ma nistgħux ngħidu l-istess ħaġa għas-saltna ta' Isfel, mela l-Ġudea, bil-belt kapitali Ġerusalemm. Madankollu, wkoll fil-Ġudea, l-għażla dejjem tissupponi sejħa divina: Wieħed isir sultan dejjem, "grazzi għal Alla". Hekk is-saltna messet lil Salamun u mhux le lil primoġenitu ħuh, Adonija, **"għax il-Mulej riedu għalih"** (1Slat 2:15). Kull intronizzazzjoni tas-sultan iġġib magħha t-tiġdid tal-patt Davidiku kif ukoll l-adozzjoni ta' mexxej ġdid minn naħa ta' Yahweh.

Il-prinċipju tad-dinastija ma jinkludix neċessarjament ukoll dak tal-primoġenitu. Ġeneralment din kienet ir-regola, però kollox għandu l-eċċezzjoni tiegħu. Hekk per eżempju David, kien l-iżgħar tifel, it-tmin wieħed ta' Ġesse, madankollu Alla lilu għażel u dilku sultan (1Sam 16:13). Ukoll fost it-tfal ħajjin ta' David, l-akbar wieħed kien Adonija, madankollu kien hemm partit li għażel u ppreżenta lil Salamun, iben Betsabea. Fil fatt David għadda s-saltna tiegħu lil Salamun (1Slat 1:17.30). Ukoll Ġeħowaħaż, iben it-twajjeb Ġosija, sar sultan, ukoll jekk kellu ħuh akbar minnu (2Slat 23:31.36)

Salamun ġie midluk sultan meta missieru David kien għadu mimli bl-għomor (1Slat 1:32-40) u li mbagħad miet wara ftit tas-snin (1Slat 2:1-10). L-istess ħaġa ġrat minn Ġotam, dan sar sultan meta missieru Għażarija kien imġiddem (2Slat 15:5). Dawn huma l-uniċi żewġ ġrajjiet imsemmijin fil-Bibbja. Jista' jkun li hemm oħrajn u li ma humiex imsemmijin fil-Bibbja. Gosafat, Oħożija, Manasse



fil-Ġudea u Ġerobogħam II f'Iżrael saltnu fl-istess snin ma' missirijiethom.

In-nisa huma esklużi totalment minn kull forma ta' suċċessjoni. Ġeħoram sar minn flok ħuh Aħażija, għaliex dan tal-aħħar ma kellux tfal subien (2 Slat 1:17). Fil-Ġudea hemm il-kas ta' Għatalija, li din ħadet is-setgħa bil-qerq u bil-forza hekk kif miet binha, u din is-setgħa, Għatalija, żammitu għal seba' snin. Però dan kollu kien meqjus bħala ħaġa illeġittma: Tant hu veru dan li Għatalija ġiet imneħħija mill-poter b'rivoluzzjoni: Din qatluha bix-xabla (2Slat 11).

## IL-KUNTEST TAT-TEMPJU

Hemm żewġ rakkonti dwar l-intronizzazzjoni li però t-tnejn li huma għandhom partikularijiet rispettivi tagħhom. Dawn huma, wieħed is-sultan Salamun (1Slat 1:32-48), u l-ieħor is-sultan Ġeħowas (2Slat 11:12-20).

Salamun ġie midluk sultan ħdejn il-għajn ta' Giħon li qiegħda Ġerusalemm. Dan ġara forsi għaliex ir-rit tal-konsagrazzjoni dakinhar kien jitlob li jkun hemm l-ilma fil-qrib. Probabbilment Salamun ġie midluk f'Giħon għaliex hemmhekk kien hemm is-santwarju tal-arka. Difatti naqraw hekk: **"U Sadok, il-qassis, ħa l-qarn taż-żejt mit-tinda u dilek lil Salamun"** (1Slat 1:39). Din kienet it-tinda jew għarix li waqqaf David sabiex iqiegħed taħtha l-Arka tal-Patt tal-Mulej (2Sam 6:17). Hawn ta' min ifakkar li l-maqdes ta' Ġerusalemm kien għadu mhux mibni u l-Arka ma kellha ebda post fejn toqgħod; postha kien fil-miftuħ u bil-beraħ, sempliċemet mgħottija u mkenna minn għarix.

Ġeħowas ukoll ġie midluk sultan fl-istess tempju tal-Mulej. Dan jista' faċilment jiġi mqabbel ma' Ġosija meta dan kien **"wieqaf ħdejn il-pilastru"** (2Slat 23:3) waqt il-qari tal-ktieb tal-liġi li kien għadu kemm instab fit-tempju. Minn dan għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li fit-tempju kien hemm imkien riservat għas-sultan. Kien fuq dak il-mambar li s-sultan kien jassisti u jieħu sehem dirett waqt iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni (Ara *"De Vaux R., Le Istituzioni dell'Antico Testamento"*,110). •





Il-knisja parrokkjali ta' Wajir iddedikata lil San Ġużepp Haddiem.

# L-ISQOF PAUL DARMANIN IŻUR LILL-KOMUNITAJIET F'WAJIR

Wajir hija waħda mill-parroċċi fid-Djoċesi ta' Garissa u tinsab madwar 350 kilometru 'l bogħod in-naħa ta' fuq tad-Djoċesi.

F'din il-parroċċa jinsabu tliet komunitajiet ta' reliġjużi jaħdmu hemm:

- **komunità magħmula minn żewġ Patrijiet missjunarji mill-Gwatemala tal-Fraternità Missjunarja ta' Marija;**
- **kumunità ta' Sorijiet Kamilljani magħmula minn erba' sorijiet u**
- **komunità oħra ta' Sorijiet Ulied ta' Sant'Anna magħmula wkoll minn erba' Sorijiet.**

L-Isqof Paul Darmanin xtaq iżur lil dawn il-komunitajiet għall-ġranet tal-Milied, iżda dak iż-żmien ma kienx possibbli. Fit-tielet ġimgħa ta' Jannar ta' din is-sena ppjana żjara lill-parroċċa ta' Wajir u talabni nakkumpanjah.

Tlaqna mad-Direttur ta' Caritas Garissa li għandha l-uffiċċji tagħha f'Garissa fejn noqogħdu. Kien vjaġġ li ħadilna mas-sebgħa sigħat, bi triq imħarbta f'kważi deżert. Ta' min jgħid li Caritas Garissa, li tgħin fl-iżvilupp tan-nies imferxin mad-djoċesi, l-aktar f'dik li hija saħħa, ikel u ilma, għandha wkoll uffiċċju f'Wajir. F'din iż-żona ta' Wajir, bħalissa hemm ukoll żewġ organizzazzjonijiet internazzjonali tal-Knisja jgħinu minħabba n-nixfa li kien hemm u n-nuqqas ta' ikel. Dawn huma l-Caritas Swiss u l-Caritas Spain.

Waqafna għand is-Sorijiet Ulied ta' Sant'Anna li joqogħdu fil-Girls' Town, f'Wajir. Hawnhekk, waħda mis-sorijiet tieħu ħsieb lil madwar ħamsin tifla u tfajla li jgħixu magħhom u li ħafna minnhom jew huma orfni jew għandhom problemi fil-familja. Kważi kollha huma Musulmani ħlief għal xi erba' li huma Nsara. Is-sorijiet jieħdu ħsieb dak kollu li jeħtieġu dawn it-tfajliet, jiġifieri, fejn jorqdu, l-ikel, l-indafa tagħhom, it-talb, li jibagħtuhom kuljum l-iskola u li anki filgħaxijiet jgħinuhom bi klassijiet ta' privat permezz ta' għalliema li jġibulhom apposta. Minkejja li huma Musulmani jeżistu relazzjonijiet tajbin ħafna bejnhom u s-sorijiet. L-Isqof huwa favur li dawn is-Sorijiet jibdew jaħsbu biex iwaqqfu




L-uffiċċji u d-Direttur tal-Caritas Garissa li jinsabu f'Wajir.



skola primarja tal-Knisja, anki jekk il-parti l-kbira tal-istudenti jkunu ta' twemmin Musulman.

Soru oħra tieħu ħsieb iċ-Ċentru Pastorali li fih jilqa' diversi membri ta' Għaqdiet mhux Governattivi li jgħaddu xi żmien f'Wajir iwettqu l-ħidma umanitarja tagħhom fost in-nies. Dawn iż-żewg sorijiet, flimkien ma' oħra li għadha żgħira, li ġiet biex tgħinhom, huma kollha Kenjani. Magħhom hemm is-superjura li tikko-ordina l-ħidmiet kollha u li hija mill-Perù. Ħidma oħra ta' dawn is-sorijiet hija li ta' kull xahar iqassmu ikel lill-150 familja fil-bżonn. L-ikel, li jikkonsisti f'ross, qamħirrun, fażola u żejt, jingħata lilhom mill-Caritas Garissa.

Sabiex iwettqu dawn il-ħidmiet kollha, is-sorijiet iħaddmu xi nisa magħhom. Dawn il-ħaddiema, meta jiġu biex itemmu x-xogħol tagħhom minħabba l-età jippreferu li s-sorijiet jagħtuhom ħmar u karettun biex ikunu jistgħu jaqilgħu xi ħaġa għall-għejxien tagħhom. Fil-fatt is-sorijiet qegħdin ifittxu sponsors li jgħinhom f'dan il-proġett ta' ħmir u karettuni. Kull ħmar jiġi jiswihom mal-mitejn ewro u kull karettun mal-mitejn u ħamsin ewro.



*Il-komunità tas-Sorijiet "Ulied ta' Sant'Anna" ma' Fr Joe.*



*Żagħżugħ jitwassal għall-fisjoterapija fiċ-Ċentru fuq karettun bil-ħmar.*

Fl-istess jiem li konna għand dawn is-sorijiet inzertat kien hemm is-Superjura Reġjonali tagħhom li hija Etjopika, u kienet okkażjoni li l-Isqof jiltaqa' magħha wkoll u b'hekk jissaħħu aktar ir-relazzjonijiet ta' dawn is-sorijiet mad-Djoċesi ta' Garissa.

Il-komunità ta' patrijiet missjunarji mill-Gwatemala, wieħed Kappillan u l-ieħor il-viċi tiegħu, jieħdu ħsieb primarjament il-kura pastorali tal-Insara li jinsabu f'Wajir, li ħafna minnhom huma jew impjegati mal-Gvern, bħal ngħidu aħna, pulizija, suldati, għalliema, skrivani, tobba u nurses, jew inkella single mothers li jridu jaraw kif se jgħajxu lil uliedhom. Minbarra l-quddies, dawn il-fathers jaraw li jsir il-katekiżmu kemm għall-kbar, l-aktar dawk li jkunu se jirċievu xi sagrament, per eżempju taż-żwieg jew tal-magħmudija, kif ukoll tat-tfal.

Mal-knisja, il-fathers għandhom skola tal-kindergarten u forn żgħir fejn jaħmu l-ħobż li mbagħad ibigħuh fit-town. Fil-fatt, f'Wajir ma jeżisti ebda forn li jaħmi l-ħobż jekk mhux tal-Mission jew tal-army.

Anki l-fathers jieħdu ħsieb iqassmu l-ikel ta' kull xahar lil 150 familja. Barra minn hekk huma jgħinu fi proġett ta' nisa anzjani, jismu *"Help Age – Grannies"* li permezz tiegħu l-anzjani jirċievu għajnuna, l-aktar ta' ikel.

Il-parroċċa ta' Wajir għandha out-station f'Habeswein, madwar 120 kilometru 'l bogħod minn Wajir. Hemm għandhom sala li jużawaha bħala kappella nhar ta' Ħadd. Wieħed mill-fathers imur iqaddes darba fix-xahar u meta ma jmurx xorta waħda l-Kattoliċi jiltaqgħu u jitolbu flimkien, jaqraw il-qari tal-Ħadd li jkun, jagħmlu r-riflessjonijet



*L-Isqof Paul Darmanin mat-tfal bi bżonnijiet speċjali fir-Rehabilitation Centre tal-Missjoni.*

tagħhom u jkantaw. Din l-istess sala tintuża wkoll minn Insara oħra. Il-Protestanti jużawha nhar ta' Ħadd wara li jlestu l-Kattoliċi mit-talb tagħhom, u jużawha wkoll is-Sabbaticals kull nhar ta' Sibt filgħaxija. Jeżistu relazzjonijiet tajbin ħafna bejn dawn it-tliet gruppi ta' Nsara, li lkoll flimkien jieħdu ħsieb li l-post jinżamm fi stat tajjeb, nadif u ordnat.

Il-komunità l-oħra tas-sorijiet hija magħmulha mis-Sorijiet Kamilljani. Dawn qed jaħdmu fir-Rehbilitation Centre mat-tfal bi bżonnijiet speċjali. Hija komunità ta' erba' sorijiet Kenjani, kważi kollha ġodda għal Wajir, ħlief waħda. Il-ħidma tagħhom, skont il-karizma tal-Kongregazzjoni tagħhom, hija mal-morda. Fil-fatt huma jieħdu ħsieb għadd ta' tfal u anki mhux tant tfal li għandhom bżonn ta' fisjoterapija. Imorru jġibuhom kuljum iċ-Ċentru, jagħmlulhom it-terapija li jkollhom bżonn, anki b'għajnuna ta' fisjoterapisti mħarrġin. Jagħtuhom jieklu u jwassluhom lura fid-djar u l-għarejjex tagħhom filgħaxija. Ħidma oħra ta' dawn is-sorijiet hija li jmexxu klinika kuljum għal kull min ikollu bżonn ta' viżta medika, trattament, mediċini u follow-up.

Il-Professur John Rizzo Naudi huwa ħabib u benefattur kbir ta' dan iċ-Ċentru ta' ri-abilitazzjoni f'Wajir. L-interess tiegħu f'dan il-proġett irriżulta fi żjarat li għamel hu personalment, u f'għajnuna li jibgħat ta' kull sena minn attività li jorganizza f'Malta permezz tal-Fundazzjoni Lesie Rizzo Naudi, li ġġib l-isem tal-mibkija martu Lesie li tant kienet tħabrek b'risq dan il-proġett.

Anki dawn is-sorijiet jirċievu għajnuna ta' ikel mingħand il-Caritas Garissa biex iqassmuh ta' kull xahar lil 150 familja. Dawn is-sorijiet Kamilljani għandhom grupp ta' lajċi, bħalma huma t-terżjarji tagħna, li jgħinnuhom anki fil-ħidma tagħhom fil-Missjoni. Dawn huma kemm mill-Kenja kif ukoll mill-Ewropa, speċjalment mill-Italja u mill-Irlanda. Jissejħu Camillian Task Force. Fil-fatt dawn qed jgħinuhom fil-proġetti li għandhom ta' kura medika, ikel u ilma f'inħawi remoti u nexfin.

Wara li temmejna din iż-żjara, konna qed naħsbu biex nirriturnaw lejn Garissa mal-istess Direttur tal-Caritas Garissa, iżda nqala' inċident. Lejlet li kellna nivvjaġġaw, karozza tal-Caritas Garissa, b'żewġ impjegati fiha, waqt li kienu sejrin fuq proġett xi 70 kilometru 'l bogħod minn Wajir, ħadu puncture, bil-konsegwenza li l-karozza nqalbet u wieħed minnhom ġarrab ġrieħi f'rasu. Id-Direttur kellu jmur fuq il-post biex jara x'hemm bżonn. Minħabba f'hekk iddeċidejna li nivvjaġġaw il-jum ta' wara u magħna nieħdu wkoll lil dak li safa midrub.

Dawn huma ftit mill-ħidmiet li l-missjunarji jwettqu b'tant imħabba, ġenerożità u dedikazzjoni b'risq ħutna l-bnedmin, l-aktar dawk li jkunu qed ibatu mill-mard, ġuħ, għatx u problemi oħra ta' familja u wkoll problemi spiritwali. Iżda l-qawwa ta' Alla qatt ma tonqos, aktar u aktar meta jkun hemm it-talb ta' ħbieb u benefatturi li jissapportjaw il-ħidma tal-missjunarju. •



# DNUB AFDAT

Dnub afdat,
għax ħarsti 'l-fuq għajjiena,
imxappa fid-dmugħ

U semgħani Alla veru,
u tbissimli Alla veru,
u ħafirli Alla veru

Biex issa ċċara l-vjola,
u l-iswed sar griż,
u l-ixħeb, bjad ġmielu

Għax hekk jaħdem Alla twajjeb,
għax hekk jinseġ Alla twajjeb,
għax hekk…

Jiena missejt il-qiegħ,
u nbraxt fl-inċertezzi,
u l-vleġeġ tal-iskrupli

Kien afdat id-dnub,
u Alla Sidi ħallu,
dewwbu f'nar ħnientu.

Iss'għaraft is-swali tas-sliem,
u żfint ma' kull innu,
ta' radd il-ħajr

Id-dnub afdat,
sar maħfra pronta,
sar għaxqa

Ma stajtx ma ninżilx
għarkobbtejja,
Nerża' nfittxu,
biex inżomm il-waqt

Id-dnub afdat,
iħoll lil imjassrin,
f'sedqa awtomatika

Il-bieb tat-tempju beraħ,
stedin' universali,
minjatura tal-Ġenna





# ĦABIB FIS-SUQ...

**"Ħabib fis-suq jiswa mitt skud fis-senduq"**, jgħid il-qawl Malti. U jagħmel sew min ikollu ħabib sinċier, jibża' għalih. Kif se naraw minn din l-istorja.

Peter kien jattendi skola sekondarja. Darba minnhom, hu u sejjer lura d-dar, ra tfajjel tamparu ġej mill-istess skola tiegħu sejjer (ħaseb) fit-triq ukoll lejn id-dar. Kien jismu Don. Kien mgħobbi bil-kotba tal-iskola u Peter ma kienx jaf x'kienet ir-raġuni għala kien qed jieħu l-kotba kollha miegħu dakinhar - il-Gimgħa. Bejnu u bejn ruħu, Peter dehrlu li trid tkun baħnan biex tagħmel biċċa xogħol bħal din.

Tarf il-ġimgħa għalih, kien diġà ppjanat. Kellu jmur xi party mal-ħbieb u anki jilgħab logħba football. Peter ċaqlaq tnejn spallejh u kompla fi triqtu. F'daqqa waħda, ra xi tfal jiġru lejn Don; tawh gambetta, waqqgħuh fl-art, tajjrulu n-nuċċali minn għajnejh u xerrdulu l-kotba li kien qed iġorr 'l hawn u 'l hinn. Kemm hu kif ukoll il-kotba spiċċaw fit-trab. Don ipprova jqum u hekk kif ħares il fuq, Peter ra l-ħarsa ta' dwejjaq li kellu f'għajnejh. Resaq lejh hekk kif rah iħares 'l hawn u 'l hinn ifittex in-nuċċali b'demgħa tqattar minn għajnejh. Peter resaq lejh u beda jfittex in-nuċċali miegħu. Kif sabu, Peter qallu li tfal bħal dawn għandhom jingħataw lezzjoni li sservihom għal ħajjithom. Don ħares lejh, tbissimlu u rringrazzjah. Kienet tbissima ta' gratitudni. Peter għenu jiġbor il-kotba u staqsih fejn joqgħod. Don kien joqgħod ftit 'il bogħod minnu u t-tnejn stagħġbu kif qatt qabel ma ltaqgħu. Don qallu li qabel kien jattendi skola privata.

Baqgħu jitkellmu sakemm waslu ħdejn il-bieb tad-dar ta' Don b'Peter iġorrlu nofs il-kotba. Mill-ewwel inġibdu lejn xulxin għax Peter deherlu li Don kien tfajjel modern bħalu. Tant, li stiednu biex l-għada jmur jilgħab logħba football miegħu u mal-ħbieb tiegħu. Don aċċetta. Tul tmiem il-ġimgħa, aktar ma Peter qagħad fil-kumpanija ta' Don aktar inġibdu lejn xulxin.

Wasal it-Tnejn filgħodu u tfaċċa Don bit-tagħbija tal-kotba sejjer lejn l-iskola. Peter waqqfu biex jgħinu u qallu li b'dawn il-kotba kollha kien se jrabbi muskoli ġmielhom. Din is-sitwazzjoni

baqgħet sejra għal 4 snin li fihom Peter u Don saru ħbieb tal-qalb. Spiċċaw l-iskola sekondarja u marru l-Università. Don għażel li jkompli jistudja għal tabib u Peter, grazzi għal Borża ta' Studju li ħa permezz tal-football, għażel il-kummerċ. Minkejja li kien hemm distanza ġmielha bejniethom, baqgħu ħbieb.

Wasal Jum il-Gradwazzjoni li fiha Don kien magħżul biex jagħmel id-diskors tal-okkażjoni. Don kien ftit eċitat u dak il-ħin, Peter irringrazzja 'l Alla li ma kienx imiss lilu li jagħmel id diskors. Don kien fih għaxqa tħares lejh. Twil, bin-nuċċali, u popolari mat-tfajliet. Peter mar ħdejh, tah daqqa fuq spalltu biex jagħmillu kuraġġ u qallu: "Ej, kuraġġ. Jiena żgur li se taqta' figura mill-aqwa". Don ħares lejh u tah tbissima ta' gratitudni li fakkret lil Peter f'dakinhar li għenu jiġbor il-kotba mill-art wara li kien attakkat minn grupp ta' subien imqarbin.

"Grazzi", wieġbu Don u riesaq lejn l-ambone minn fejn kellu jaqra d-diskors, qaħqaħ griżmejh, irranġa l-ġlekk u t-toga, u beda:

"Jum il-Gradwazzjoni huwa okkażjoni biex tgħid 'grazzi' lil min ikun għenek għal snin twal u ebsin. Fosthom il-ġenituri, l-għalliema, ħutek, forsi xi coach, imma l-aktar lill-ħbieb... Qiegħed hawn biex ngħidilkom kemm tiswa li tkun ħabib tassew ma' xi ħadd. Se nirrakkuntalkom storja li ġrat lili".

Peter baqa' ċċassat iħares lejn il-ħabib tiegħu Don, mingħajr ma kważi beda jemmen lil widnejh, hekk kif Don beda jirrakkonta l-ġrajja kollha minn meta ltaqgħu għall-ewwel darba. Don kien qed jippjana li jwettaq suwwiċidu proprju tul dak il-weekend. Kien żbarazza kamartu, biex ommu ma jkolliex tagħmel din il-biċċa xogħol wara li jkun għadda kollox. U għalhekk kien qed iġorr miegħu il-kotba kollha mill-iskola għad-dar.

Dak il-ħin Don ħares lejn Peter u kif għajnejhom iltaqgħu, tah tbissima. U kompla: "Nirringrazzja 'l Alla li ġejt salvat milli nagħmel xi ħaġa tant kerha, li anqas tgħidha biss ma trid..."

Dak il-ħin, il-ħemda tas-sala nkisret bi tnehida li ħarġet minn fomm u qalb dawk li bdew jisimgħu lil dan il-ġuvni tant popolari ma' sħabu, jirrakkonta l-aktar punt debboli tiegħu. Peter ra lil ġenituri ta' Don iħarsu lejh u jitbissmulu b'mod rikonoxxenti għal dak li hu kien għamel ma' binhom tant snin qabel. Dak kien il-mument, li Peter irrealizza kemm il-ġest ċkejken li kien għamel ma' Don, kemm kien verament kbir. Bla ma kien jaf, kien bidel il-futur ta' sieħbu.

Don kien sab ħabib sinċier f'Peter. Dan il-ħsieb baqa' jikber miegħu tul is-snin tal-istudju. L-azzjoni ġeneruża ta' Peter miegħu, ġegħlitu jifhem, li l-ħbieb huma bħall-anġli li jerfgħuna fuq riġlejna meta l-ġwienaħ tagħna jibdew jagħtuna l-problemi biex intiru.

Spiċċa d-diskors tiegħu billi qal: "X'ġara l-bieraħ, nafu. X'se jiġri għada, huwa moħbi. X'qed jiġri llum, huwa rigal. Ngħożżuh, u nroddu ħajr lil Alla li jibgħatilna ħbieb, bħal ma sibt jien". •







Alfred Bessette twieled fi Quebec, il-Kanada, fid-9 t'Awwissu 1845 u tant kien batut li l-kappillan iddeċieda li jgħammdu hekk kif twieled. Missieru kien mastrudaxxa u ommu ħadet ħsieb l-edukazzjoni tal-għaxar uliedha. Ftit kien hemm xogħol dak iż-żmien u l-familja kienet tgħix fil-faqar. Il-missier beda jaħdem fil-qtugħ tas-siġar, iżda meta Alfred kellu disa' snin, huwa tilef ħajtu f'inċident ikrah meta siġra waqgħet fuqu. Ta' erbgħin sena ommu romlot u mietet bit-tuberkulożi tliet snin wara.

# SAN ANDRÉ BESSETTE
## FRA UMLI U BI FTIT SKOLA

Il-familja sfaxxat u ta' tnax-il sena t-tifel kellu jitlaq mill-iskola u ntbagħat jgħix ma' oħt ommu li flimkien ma' żewġha għamlet minn kollox biex issiblu fejn jaħdem. Iżda Alfred kien marradi u għamel tlettax-il sena jbiddel minn xogħol għal ieħor, minn landier għal skarpan, minn furnar għal sewwieq ta' karettun. Ftit kellu edukazzjoni u bilkemm kien kapaċi jikteb ismu jew jaqra xi ħaġa. Safrattant miċ-ċokon huwa wera li kien tifel reliġjuż. Il-ftit ħin liberu li kellu kien iqattgħu jitlob quddiem il-kurċifiss jew jitkellem ma' sħabu dwar Alla. Zitu spiss kienet tagħmel għalih għax kien jagħmel ħafna sagrifiċċji meta huwa qatt ma kien b'saħħtu.



Ta' għoxrin sena Alfred emigra ma' ħafna Kanadiżi lejn l-Istati Uniti biex jaħdmu f'fabrika tat-tessuti li kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-armata fil-gwerra ċivili Amerikana. Għalkemm ma kienx b'saħħtu huwa kien jaħdem ħafna iktar mill-oħrajn kollha. Meta twaqqfet il-Federazzjoni Kanadiża fl-1867 mar lura pajjiżu. Il-kappillan tal-parroċċa osserva kemm kien ġuvni devot u ġeneruż u bagħtu għand il-Kongregazzjoni tas-Salib Imqaddes f'Montreal b'nota li kienet għid, **"Qed nibgħatilkom qaddis."** Minħabba saħħtu għall-ewwel huwa ma ġiex aċċettat sakemm qabeż għalih l-Arċisqof stess. Fl-1872 huwa beda n-novizjat, ngħata l-isem ta' Fra André u għamel l-aħħar voti reliġjużi fl-1874 fl-età ta' 28 sena.

Huwa ngħata l inkarigu ta' purtinar tal Kulleġġ Notre Dame fi Quebec fejn dam madwar 40 sena. Fl-aħħar ta' ħajtu kien jgħid biċ-ċajt li għall-ewwel urewh il-bieb ta' barra u baqa' hemm 40 sena sħaħ. Minbarra dan ix-xogħol huwa kien jaħsel l-art u t-twieqi, iwassal il-messaġġi u jġorr il-ħatab għall-ħruq. Tant kien devot ta' San Ġużepp li fiż-żjarat tiegħu lill-morda fi djarhom jew fl-isptarijiet kien jitlob magħhom lill-qaddis u jagħmlilhom salib biż-żejt li kien jixgħel quddiem San Ġużepp fil-kappella tal-kulleġġ. Ġieli kien jibki magħhom speċjalment meta jisma' xi storja ta' qsim il-qalb.

Għal 25 sena huwa kien iqatta' minn sitta sa tmien sigħat kuljum jilqa' lil dawk li jiġu jżuruh fl-uffiċċju żgħir tiegħu jew fl-istazzjon tat-tram faċċata tal-kulleġġ. Bil-flus li kien jaqla' meta kien jaqta' xagħar l-istudenti u bl-għajnuna tal-ħbieb huwa bena kappella ddedikata lil San Ġużepp fl-1904. Din ma damitx ma saret żgħira wisq għan-nies li bdew jiġu mill-bogħod. Ġiet imkabbra fl-1908 u reġgħet ġiet imkabbra sentejn wara sakemm inħass il-bżonn li li tinbena knisja kbira li tesa elf ruħ fl-1917. Bl-isforzi tiegħu, Fra André rnexxielu jibni oratorju li sar l-ikbar santwarju ddedikat lil San Ġużepp fid-dinja.

Huwa kien jirrabja ħafna meta kienu jgħidu li kienu fiequ mill-mard wara li jkun talab għalihom. Ma damx ma sar magħruf li kien qed jagħmel il-mirakli u għalkemm sab minn jikkritikah u jakkużah, huwa kellu l-appoġġ tad-djoċesi. Kien hemm eluf ta' każi ta' fejqan mingħajr l-ebda spjegazzjoni medika. Meta kienu jitolbuh għal xi favur jew fejqan kien jgħidilhom, ***"Int temmen li Alla jista' jgħinnek? Mur qerr u tqarben u wara erġa' ejja arani."***

Huwa miet ta' 91 sena fis-6 ta' Jannar 1937 meta miljun ruħ marru jaraw il-ġisem tiegħu qabel indifen f'qabar sempliċi fil-bażilka fuq Mount Royal. Huwa ġie beatifikat mill-Papa Ġwann Pawlu II fl-1982 u l-Papa Benedittu ddikjarah qaddis fid-17 t'Ottubru 2010. •



# TAGĦRIF DWAR IL-KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI FIL-KALKARA (1798-1811)

F'Ġunju 1798, meta Malta waqgħet f'idejn il-Franċiżi, il-Kapuċċini Maltin li kienu jiffurmaw Kustodja, kellhom tliet kunventi, tal-Furjana, tal-Kalkara u tar-Rabat f'Għawdex. Il-Gvern ġdid Franċiż ħareġ ordni li kull ordni Reliġjuż, kellu jkollu biss kunvent wieħed. Lill-Kapuċċini tħallilhom dak tal-Furjana.

**Żmien L-imblokk (Sett. 1798- Sett. 1800)** F'Settembru 1798, wara l-irvell tal-Maltin fil-kampanja beda l-imblokk tal-Franċiżi fl-ibliet madwar il-Port il-Kbir. Matul l-imblokk il-Kunvent tal-Kalkara sofra ħsarat fl-istruttura tiegħu, iżda l-aktar fl-injam tal-Kunvent.

**Għajnuna mill-Gvern Ingliż** Wara t-tmiem tal-Imblokk, it-tmexxija ta' Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi. Il-Kummissarju ċivili Pigot(1801-1802) għen lill-Kapuċċini biex jirranġaw il-kunvent billi tahom xi travi. Is-suċċessur tiegħu, l-Kaptan Alexander Ball R.N. (1802-1809), kompla għen fix-xogħol tar-restawr tal-kunvent, billi tahom xi twavel u nsiemer u s-somma ta' 150 skud, u dan għen lill-Kapuċċini biex ikomplu r-restawr tal-kunvent. Fis-snin ta' wara nqalgħu benefatturi oħra li għenu lill-Kapuċċini, iżda minnkejja dan kollu sal-1811 ma kienx għadu tlesta x-xogħol kollu tar-restawr.

## Talba għall-għajnuna

Wara l-mewt fil-kariga tal-Kummissarju Ċivili Sir Alexander Ball R.N. ġie maħtur Kummissarju Ċivili il-Maġġur Ġenerali Sir Hildebrand Oakes (1809-1813). Għaldaqstant billi kienu għadhom neqsin mill-mezzi meħtieġa biex ikomplu r-restawr ta-kunvent tagħhom, f'Awwissu 1811, il-Kapuċċini tal-Kalkara bagħtulu petizzjoni. Fiha wara li spejgawlu minn xiex kien għadda l-kunvent tagħhom matul l-imblokk u l-għajnuna li kienu rċevew mingħand Pigot u Ball, talbuh biex jgħinhom kif għamlu l-predeċessuri tiegħu, billi jordna li jingħataw xi twavel u fallakki, u xi flus biex permezz tagħhom itemmu x-xogħol ta' restawr fis-sagristija u fil-bibbjoteka.



## Ir-rapport tal-amministratur tal-Beni Pubbliċi

Wara li din il-petizzjoni waslet fil-Palazz, fit-2 ta' Settembru 1811 ġie deċiż li tiġi riferita lill-Amminisraturi tal-Beni Pubbliċi li kellhom jagħmlu rapport fuqha. Dawn l-Amministraturi li kienu Guseppe Camilleri, Michele Cachia, Baldassare Satariano u Antonio Casolani għamlu rapport li jġib id-data tad-9 ta' Settembru 1811. Minn dan ir-rapport nafu li dawn l-Amministraturi qabdu lis-Supretendent tat-Tarzna, Giovanni Agius, biex iżur il-kunvent. Dan wara li żar l-imsemmi kunvent ħejja stima tal-ispejjes meħtieġa biex jitlesta r-restawr meħtieġ li b'kollox kellu jqum 268 skud u kien imqassam hekk: ■ Biex isir il-kaxxarezz fis-Sagristija ■ 14 *"tavolini di ponente"* li jqumu 4 skudi kull waħda 56 skud ■ 20 *"tavole bianche"* 50 skud ■ Biex issir kaxxa biex fiha jiġu merfugħa l-ventaltari ■ 10 *"tavole bianche"* 25 skud ■ Xogħol fil-Kor ■ 30 *"tavole bianche"* 75 skud ■ 6 serratizzi 12-il skud ■ Biex issir skansija (Gradenza) ■ 20 *"tavole bianche"* 50 skud ■ Total 268 skud

RIr-rapport tagħhom, l-Amministraturi tal-Beni Pubbliċi, semmew ukoll l-għajnuna li l-Kapuċċini kienu rċevew minn għand Pigot u Ball. Wara dan ir-rapport il-Kummissarju Ċivili Oakes, fl-20 ta' Settembru 1811, ordna li l-Kapuċċini tal-Kalkara jingħataw sussidju ta' 100 skud mit-Teżor tal-Gvern.[1] •

[1] A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) PS/04/1 pp.164,165



# SALMI RESPONSORJALI U MUŻIKA

## GĦALL-ŻMIEN IR-RANDAN U ŻMIEN L-GĦID

**ta' Patri Anton Briffa OFMCap**
**21x 29cm Paġni 276**




F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin kienu bosta l-kotba ġodda ppubblikati minn awturi Maltin. Is-suġġetti magħżula jvarjaw minn letteratura, arti, storja, u xjenzi varji. Fergħa artistika li taqta' lura sew fil-materji trattati hija l-mużika. Għalhekk huwa bi pjaċir kbir li qegħdin nippreżentaw dan l-ktieb: SALMI RESPONSORJALI U MUŻIKA GĦAL ŻMIEN IR-RANDAN U ŻMIEN L-GĦID ta' P. Anton Briffa OFMCap.

Din il-kollezzjoni ta' Salmi Responsorjali hija t-tkomplija tas-Sena Liturġika li kienet diġà nbdiet bl-ewwel kollezzjoni ppubblikata fis-Sena Liturġika 2001-2002 bl-isem: SALMI RESPONSORJALI U MUŻIKA GĦAL ŻMIEN L-AVVENT U ŻMIEN IL-MILIED, tal-istess awtur.

Dan il-ktieb huwa ndirizzat lejn l-Organisti, l-Animaturi tal-Liturġija, id-Diretturi tal-Korijiet, il-Kleru u l-Kanturi, impenjati fil-knejjes tagħna. Minbarra s-Salmi Responsorjali ssibu wkoll ġabra ta' Innijiet ġodda u 'antiki'. Xi innijiet klassifikati bħala 'antiki' huma ġodda għal kollox għal ġemgħa li tattendi fil-knejjes. Flimkien għandhom joffru żiffa ħelwa u friska għal min iħobb liturġija organizzata.

Huwa mezz li jgħin biex titħaffef l-isfida li għandu:

- kull Saċerdot, li bħala ċelebrant ewlieni jrid jkanta dawk il-partijiet li jmissu lilu;
- kull Kantur, jew Animatur, li s-sehem tagħhom huwa li jkantaw u janimaw l-ġemgħa biex tkanta;
- Direttur tal-Kor, jew Organista, li għandhom isibu dejjem materjal adatt għal ċelebrazzjoni devota u ħajja.

Ma rridux ninsew s-sehem importanti li jistgħu jagħtu anki s-summer-schools organizzati mill-parroċċi jew f'għaqda mal-Kusill Lokali. Fit-tfal tagħna hemm il-futur tal-parroċċi tagħna. Tajjeb li nderruhom minn ċkunithom ikantaw flimkien u noffrulhom opportunità biex jiżviluppaw minn kmieni t-talenti moħbija f'kull persuna.

Fl-opinjoni tagħna, tkun ħaġa flokha li anki l-iskejjel tal-Knisja u tal-Istat jiksbu kopja għal-librerija. Il-music-teachers għandhom jsibu fih, materjal adatt biex jtellgħu mini-musical jew servizz reliġjuż f'dan iż-żmien partikulari tas-sena.

Il-Ktieb SALMI RESPONSORJALI U MUŻIKA GĦAL ŻMIEN IR-RANDAN U ŻMIEN L-GĦID huwa r-rebbieħ tal-Ewwel Premju fil-Konkors PREMJU NAZZJONALI TAL KTIEB organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fil-Kategorija "Kotba ta' xejra reliġjuża" – Sena 2010.

Jalla dan il-ktieb mhux biss jinxtara, imma jintuża għall-glorja t'Alla u biex ngħinu lill-komunitajiet fil-knejjes tagħna jitolbu. Dan hu mezz ta' edukazzjoni u mezz biex jgħin jitwettqu x-xewqat mitluba mid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II. •





# IĊĊELEBRAJNA L-GĦID, U ISSA...

...qegħdin niċċelebraw iż-żmien tal-Għid. L-ikbar festa tal-Knisja - il-qawmien tagħna f'għaqda ma' dak ta' Sidna Ġesù Kristu mill-imwiet. Din il-festa ppreparajna għaliha matul ir-Randan. Ir-Randan huwa żmien fejn il-Knisja tħeġġigna biex nagħmlu erbgħin jum ta' talb, sawm u karità. Matul dan iż-żmien aħna tħejjejna għaċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.



Fir-Randan aħna konna mistiedna biex nikbru spiritwalment ma' Alla u nkunu aktar viċin tiegħu. Huwa tajjeb li nisimgħu iktar il-Kelma ta' Alla għax din tagħtina dawl f'ħajjitna. Tgħinna nagħrfu d-dnub tagħna u tmexxinha fit-triq ta' Alla. Alla li tant iħobbna li miet għalina fuq is-salib biex isalvana!

Fi żmien ir-Randan, fostna kien hawn min għamel mezz biex isib iktar ħin biex iqattgħu ma' Ġesù; permess tat-talb, imur quddies iktar ta' spiss u anki attenda xi eżerċizzi biex jisma' kelma ta' ġid. Issa li għadda r-Randan, aħna x'se nagħmlu? Ħa nieqfu nsibu ħin għal Ġesù? Ħa nieqfu nagħmlu karità? Ħa morru quddies nhar ta' Ħadd biss, għax bilfors? Hija ħaġa sabiha li nippruvaw inkomplu bil-mixja li qbadna matul dan iż-żmien u nkomplu nikbru spiritwalment ma' Alla.

Biex nagħmlu karità m'hemmx għalfejn naħsbu f'xi ħaġa impossibbli li nagħmluha. Rigal sabiħ li nistgħu nagħmlu bħala karità hi li nsibu ħin biex immorru nżuru xi morda fl-isptarijiet jew l-anzjani għax huma żgur jieħdu pjaċir biha.

Fl Ewwel ittra tiegħu (2: 21-25), San Pietru jitkellem dwar il-misteru tal-Għid il-Kbir. **"Għal dan intom kontu msejħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu. Hu li ma kien għamel ebda dnub, u ebda qerq ma nstab f'fommu. Meta għajruh ma weġibx bit-tagħjir, meta bata ma heddidx, imma ħalla f'idejn l-Imħallef ġust. Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja. Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu. Intom kontu bħan-nagħaġ mitlufa, imma issa rġajtu lura għand ir-Ragħaj u l-Għassies ta' ruħkom."**

San Pietru jagħtina tifsira ċara ta' kif aħna l-Insara għandna nixbħu lil Kristu. Fil-fatt il-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu mill-mewt hija prova ċara tad-Divinità ta' Kristu u huwa l-fundament tar-reliġjon tagħna. Li kieku Ġesù ma mietx u ma rxuxtax għalina, ma kienet tkun tiswa xejn il-fidi tagħna. Fil-fatt l-Għid il-kbir hija tifsira tar-rebħa kbira ta' Kristu fuq il-mewt.

Għalhekk issa li għandna moħħna mistrieħ mill-Imħabba li wera għalina l-Missier permezz ta' Ibnu stess, tajjeb illi kull wieħed u waħda minnha jpoġġi jdejh fuq sidru u jagħmel l-eżami tal-kuxjenza. Dan għandu jwassal biex b'mod personali wieħed iħares lejn il-ħajja tiegħu u b'dak li tħejja għalih fiż-żmien tar-Randan ikompli jagħti direzzjoni lil ħajtu... dik id-direzzjoni li twasslu għal ħajja ta' dejjem, dik il-ħajja li Ġesù fetħilna billi qam mill-imwiet biex isalvana. •



# PATRI GEJT GALEA KAPUĊĊIN

## 60 SENA PRESBITERU

Sittin sena ilu, fil-5 t'Awwissu 1951, Patri Gaetano Galea Kapuċċin, flimkien ma' għadd tad-djakni oħra, irċieva l-Ordni Sagri fil-Katidral tal-Mdina mill-Arċisqof ta' Malta, E.T. Mons. Mikiel Gonzi.



Il-Konċelebranti flimkien ma' Patri Gejt Galea OFMCap, (x - l): Fr Godfrey Zarb, Patri Onorat Spiteri, il-Provinċjal Dominic Mangani, il-Kappillan tal-Kalkara, Dun Anton Galea Scanura, Fr Manwel Abela, Fr Bernard Mangion u Fr Joe Giuliano.



*Patri Gejt Galea OFMCap flimkien ma' qrabatu, (x – l): in-neputi Tonio Pulis, ħutu l-bniet, Sr Ilariana tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Maria Galea, Lucy u żewġha Lino Pulis.*

Patri Gejt, l-aktar wieħed anzjan fil-Provinċja Kapuċċina Maltija, fit-18 ta' Settembru 2011 iċċelebra s-Sittin Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu fil-knisja ta' Sta Liberata, il-Kalkara. F'din il-Konċelebrazzjoni, immexxija minn Patri Gejt innifsu, assistit fost l-oħrajn mill-Provinċjal Patri Dominic Mangani, mhux biss fakkar dan il-Ġublew tad-Djamanti Presbiterali, iżda wera gratitudni lill-Mulej għall-imħabba li għamel miegħu u bih matul din il-medda tas-snin bħala saċerdot Kapuċċin.

Ġużeppi (Patri Gejt),l-isem li l-ġenituri tawh fil-magħmudija, huwa l-ewwel wild minn fost għoxrin aħwa minn Antonio u Maria Galea. Huwa attenda l-iskola primarja f'Belt twelidu – Bormla. B'riħet Fra Pawl minn B'kara, ċirkatur Kapuċċin, tnisslet f'Ġużeppi Galea l-ħajra li jesperjenza l-ħajja reliġjuża Franġiskana fl-Ordni Kapuċċin. Fl-età ta' 14-il sena, Ġużeppi beda jattendi l-iskola Serafika – Sta Liberata, il-Kalkara. Din l-iskola, immexxija mill-Patrijiet Kapuċċini, kienet tilqa' fiha lill-studenti b'ħajra li jissieħbu fl-Ordni Kapuċċin.

Fis-sena 1940, meta Malta sabet ruħha fit-Tieni Gwerra Dinjija, iż-żagħżugħ Ġużeppi u l-familja tiegħu kienu evakwati f'Għawdex, fejn sabu kenn fil-kantina tal-iskola Liceo tar-Rabat.

Fis-17 ta' Settembru 1942, fl-età ta' 18-il sena, Ġużeppi Galea ta bidu għall-ħajja reliġjuża Kapuċċina permezz tas-sena tan-novizzjat fil-kunvent t'Għawdex. Fil-bidu tan-novizzjat, nhar il-vestizzjoni, lil Ġużeppi Galea ngħatalu l-isem ta' Fra Gaetano minn Bormla. fil-kura tal-Mastru Patri Alessando Vella, Fra Gaetano għadda s-sena tan-novizzjat flimkien ma' erba' oħra: Klement Vella, Pelagio Bugeja, Odoriku de Maria u Nazju Tonna. Fit-tmiem is-sena tan-novizzjat, Fra Gaetano għamel wieħed mill-ewlenin passi fid-direzzjoni ta' Ħajja Reliġjuża Franġiskana Kapuċċina permezz tal-Wegħdiet Temporali li jgħix fil-faqar, fl-ubidjenza u ċ-ċelebat.

Lejn tmiem is-sena 1943, Fra Gaetano u sħabu ex-novizzi ntbagħtu fil-kunvent ta' Sta Liberata, il-Kalkara, għall-fażi oħra ta' formazzjoni tal-bidu

bħala studenti. F'dan il-kunvent, Fra Gaetano għamel sitt snin imqassmin fi studju tal-Letteratura, Filosofija u parti mill-kors tat-Teoloġija. L-aħħar sentejn tal-kors fit-Teoloġija għamilhom fil-kunvent tal-Furjana. Nhar l-aħħar ta' Mejju 1947, Fra Gaetano minn Bormla wiegħed għal ħajtu kollha li jwettaq il-Voti Reliġjużi li kien għamel erba' snin qabel bil-benefiċċji u l-impenji li l-ħajja Franġiskana Kapuċċina kienet u għadha titlob minnu.

Is-Sittin Sena ta' Presbiterat, Patri Gejt għaraf isarrafhom mhux biss f'dak li jirrigwardja l-ħajja reliġjuża persunali tiegħu, iżda u mhux l-inqas f'qadi lil tant nies li magħhom wettaq il-ħidma pastorali afdata lilu. Bħala l-ewwel ħidma li Patri Gejt wettaq, wara l-Ordinazzjoni Presbiterali kienet ta' għalliem fl-iskola Serafika, il-Kapuċċini, il-Furjana. Din l-iskola kienet estensjoni u bl-istess għan għal dik li kienet inbdiet fil-kunvent tal-Kalkara fl-1937. Patri Gejt ta qadi f'diversi sptarijiet, fosthom: ■ Connaught (8 snin) ■ San Vinċenż de Paule (10 snin) ■ Ħaż-Żmien, il-Mtarfa (12-il sena) ■ Zammit Clapp (7 snin).

Dan l-ammont tas-snin kollha Patri Gejt għamilhom fiż-żmien li kien f'diversi kunventi. Fost dawn il-kunventi, dak ta' Sta Liberata, il-Kalkara, kien il-post li offra lill-Patri Gejt l-itwal żmien ta' akkomodazzjoni, ta' mhux inqas minn 49 sena. Minn nofs Marzu 2012, Patri Gejt ġie aċċettat li jkompli ħajtu fil-komunità ta' Reliġjużi u Saċerdoti fid-Dar tal-Kleru, B'Kara. F'din id-Dar, Patri Gejt jinsab ħafna kuntent u fl-istess ħin, ferm grat lejn il-Mulej li tant ħabbu permezz tal-Aħwa Kapuċċini matul is-sebgħin sena li ilu reliġjuż fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin. F'dan iż-żmien, il-Mulej qed ikompli jħobbu wkoll permezz tal-**"Qaddejja taċ-Ċenaklu"** fejn jinsab rikoverat.

**AD MULTOS ANNOS** •

*Patri Gejt Galea OFMCap ma' wħud tal-komunità tal-kunvent tal-Kalkara, (x – l): il-Direttur tal-Postnovizzi Patri Ivan Scicluna, Br Bertrand Vella, Br Elmar Pace, Jethro Bajada, il-Gwardjan Br Vince Axiaq u Br Miguel Zammit.*







# INT ĠIELI GĦADDEJ MIL-LEJL MUDLAM TAR-RUĦ?

Fl-artiklu tax-xahar li għadda tkellimna dwar żewġ forom ta' tbatija li jien u int nistgħu ngħaddu minnhom – it-tbatija fiżika u t-tbatija psikoloġika (jiġifieri, tbatija mentali u/ jew emozzjonali). Rajna kif San Franġisk ġarrabhom it-tnejn b'intensità kbira matul ħajtu. Jonqosna nitkellmu dwar forma oħra ta' tbatija – dik spiritwali. Fl-Ittra Appostolika tiegħu dwar it-tifsira Nisranija tat-tbatija umana, Salvifici Doloris, il-Papa Ġwanni Pawlu II jitkellem dwar it-tbatija spiritwali jew morali tal-bniedem u jiddeskriviha bħala: **"uġigħ tar-ruħ … uġigħ ta' natura spiritwali, li jista' jieħu diversi forom … u li ma jistax jiġi identifikat u mfejjaq mit-terapija."**

Forma waħda ta' tbatija spiritwali tista' tkun meta fil-mixja tat-talb tagħna nibdew inħossuna li bħal donnu ma nistgħux nitolbu kif imiss (Rm 8:26), il-ħila meditattiva tagħna tixxotta, u nidħlu f'dak li San Ġwann tas-Salib isejjaħlu, **"il-lejl mudlam tar-ruħ."** Sakemm ma nġibuhiex b'idejna permezz tad-dnub jew billi nitraskuraw il-ħwejjeġ t'Alla, din in-nixfa interjuri jkun qed jippermettiha Alla biex isaffina u jgħallimna **"nfittxu mhux tant il-konsolazzjonijiet ta' Alla, imma lil Alla tal-konsolazzjonijiet."** Meta Brian Kolodiejchuk ġabar il-korrispondenza kollha ta' Madre Tereża fil-ktieb Come Be My Light, ħareġ għad-dawl l-intensità tal-lejl mudlam li l-Beata ta' Kalkutta ġarrbet f'ruħha għal medda ta' kważi nofs seklu, mill-1949 sakemm mietet fl-1997. F'waħda mill-ittri lid-direttur spiritwali tagħha, Father Joseph Neuner, Ġiżwita, is-soru Albaniża tagħti ħjiel ta' kif l-mixja tagħha fit-talb kienet tinsab mgħarrqa f'aridità spiritwali profonda: *"From my childhood I have had a most tender love for Jesus in the Blessed Sacrament, but this too has gone. I feel nothing before Jesus ... Before I could spend hours before Our Lord, loving Him, talking to Him, and now not even meditation goes properly ..."* L-aħjar atteġġjament tan-Nisrani quddiem din in-nixfa fit-talb insibuh fil-parir tal-mistiku Karmelitan, San Ġwann tas-Salib: *"Don't try to force meditative prayer; persevere patiently; trust in God ... attend lovingly to the darkness itself, convinced in faith that this darkness is the very presence of God."*

L-uġigħ ta' natura spiritwali jixref ukoll meta, quddiem ċirkustanzi diffiċli tal-ħajja (per eżempju, mard fiżiku, mewt ta' xi ħadd għażiż, xi forma ta' falliment, mument ta' deċiżjoni importanti, eċċ.) inħossu lil Alla 'l bogħod minna, bħal donnu abbandunana, donnu ma jridx iweġibna. **"Dan hu l-waqt li nistgħu nsejħulu bħala s-skiet ta' Ġesù Kristu! Dan huwa l-waqt meta inti titlob bil-qalb waqt il-bżonn, u hu ma jweġibkx kelma! Dan hu l-waqt imfisser ukoll fir-raqda ta' Ġesù fid-dgħajsa li kienet qed tegħreq bl-ilma li beda dieħel fiha. Dan huwa l-waqt meta Marta u Marija jibagħtu jgħidu lil Ġesù li dak li hu kien iħobb kien marid, u hu flok mar Betanja biex ifejjaq lil Lazzru, baqa' fejn kien u ħalla lil ħabibu jmut! Dan hu s-skiet ta' Ġesù Kristu!"** Hekk ħassu San Franġisk meta daħal f'dubju jekk għandux jgħix ħajja pjuttost eremitika u jingħata unikament għall-kontemplazzjoni jew inkella għandux jibqa' jgħix kif kien qed jagħmel, jiġifieri, ħajja mħallta ta' predikazzjoni u talb fit-tul. Talab dwar dan għal tul ta' żmien, iżda hu wkoll ġie wiċċ imb'wiċċ mas-silenzju ta' Alla. Is-Sema jiskot. Alla jiddeċiedi li jwieġeb b'silenzju li jifni, imma li fl-istess waqt jaħji u jifforma bil-kbir lill-bniedem.

Forma oħra ta' tbatija spiritwali hija l-esperjenza ta' meta wieħed ma jkunx jista' jifhem Alla x'irid minnu u x'qed jgħidlu biċ-ċirkustanzi li jkun għaddej minnhom. Din l-esperjenza ta' ksur ir-ras għadda




minnha ż-żagħżugħ Franġisku fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu. L-esperjenza tal-priġunerija f'Peruġja u tal-marda li ġiet magħha ġabitu wiċċ imb'wiċċ mal-verità ta' kliem is-Salmista: **"duħħan biss huma l-bnedmin"** (Salm 62:10) u tefgħetu f'baħar ta' ħsibijiet. Ma kienx jaf sewwa sew x'qed jiġrilu, ma setax jara ċar. Ħassu f'salib it-toroq, ifittex is-sens, l-orjentament, id-direzzjoni ta' ħajtu (1205-1206); fi ftit kliem, kien qed jipprova jsib tarf ta' dak li Alla jixtieq minnu. L-ideal kavalleresk u l-proġetti ambizzjużi ta' missieru ma kellhomx iżjed ħakma fuqu. Kollox kien donnu sarlu problema: kif jifhem lilu nnifsu, ir-relazzjoni mal-ġenituri tiegħu, u l-istess futur tiegħu. Il-fatt kien li fil-fond ta' qalbu, Franġisku kien qed jinqata' minn familtu, mill-ambjent li kien fih u mill-istil ta' ħajja li kien jgħix. Qalbu kienet inħatfet minn ideal ieħor li, minkejja li ma setax jagħraf sewwasew x'kien, beda jħossu jinħakem u jinġarr minnu bla heda. Beda jfittex li jinqata' mill-istorbju tal-belt, mill-għagħa tal-ħbieb u jitwarrab fi mkejjen solitarji (għerien, kappelel imġarrfa u foresti) biex jitlob. Fr Murraj Bodo OFM jiġbor l-uġigħ spiritwali ta' dan il-proċess ta' tfittxija f'sentenza drammatika: **"Tisma' lil qalbek meta kulħadd qed jgħid xi ħaġa għal kollox differenti hi prova qalila għall-aħħar għall-ispirtu ta' dak li jkun. U Franġisku ħaseb li dik il-prova ma kienx se jegħlibha. Talab b'qawwa li qatt ma kien talab biha qabel..."**

Darba qrajt x'imkien li Patri Piju ta' Pietrelċina kien iħobb jgħid: **"Fid-dinja kulħadd ibati, imma mhux kulħadd jaf ibati."** Għalhekk, wara li ddeskrivejna t-tipi differenti ta' tbatija li nistgħu nġarrbu fil-ħajja (fiżika, psikoloġika u spiritwali, li spiss jitħalltu flimkien fl-esperjenza tal-ħajja), fl-artiklu tal-ħarġa li jmiss se naraw kif bħala Nsara għandna nġibu ruħna fit-tbatija. Essenzjallment se nirreferu għal tliet atteġġjamenti li nistgħu nieħdu quddiem it-tbatija, li mhux kollha huma healthy u ta' siwi fil-mixja tagħna **"... sakemm naslu aħna lkoll biex ... insiru raġel magħmul fl-aħjar ta' żmienu"** (Ef 4:13). Jalla bħal San Franġisk naslu nagħżlu l-aħjar atteġġjament! •

# ALLA MODERN DEJJEM

## *"HEKK TĦABBAT IL-QALB MALTIJA"*

## Ir-rumanz reliġjuż għaż-żgħażagħ




Kumment ta' Oliver Friggieri, l-awtur ta' tliet rumanzi

- **IT-TFAL JIĠU BIL-VAPURI,**
- **LA JIBBNAZZA NIĠI LURA,**
- **DIK ID-DGĦAJSA F'NOFS IL-PORT**

li jifformaw triloġija, maħruġa bl-isem Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija (Klabb Kotba Maltin), storja waħda dwar l-għeruq reliġjużi ta' Malta, u dwar it-twemmin f'Alla bħala l-uniku sens tal-ħajja moderna. Alla bħala s-suġġett ta' rumanz modern, u s-saċerdot bħala persunaġġ ċentrali fis-soċjetà.

Hemm l-antik li għadda, u hemm il-modern li ninsabu fih issa. Hemm fuq kollox dak li hu kostanti, stabbli, ma jitbiddilx. Hemm l-etern: il-fatt li l-bnedmin ta' kull żmien għandhom quddiemhom l-istess sfida li hi eqdem mill-antik, aktar moderna mill-modern, 'kontroversjali' l-ħin kollu.

### L-etern - Alla, il-fidi, l-imħabba, il-mewt, l-eternità.

Il-kultura dominanti ta' żmienna sikwit tkeċċi lil Alla miċ-ċentru. Ninsabu f'epoka li nsiet is-sens veru tal-eżistenza. Donnu kollox jitbiddel! Iżda aħna nistgħu noħolqu wkoll kultura moderna li tfakkar f'dak kollu li hu essenzjali, aqwa miż-żmien. Kultura li tagħraf l-għeruq li qegħdin jitqaċċtu, u li tagħti tama lil żmienna, li hu żmien teknoloġiku u barbaru, komdu u fqir, sodisfatt bil-bravura tax-xjenza, imma xorta waħda inkwetat, imħasseb dejjem dwar l-istess problema ta' kull seklu: għalfejn qegħdin ngħixu? Għala jeżisti l-uġigħ, mit-twelid sal-mewt?

Il-bniedem li jfittex lil Alla hu l-bniedem li se jsibu żgur, u hu ċert li hemm tweġiba. Inkella hemm biss diżappunt traġiku. Din hi l-istorja ta' ħajjitna, u hi rumanz li Alla jikteb id f'id magħna. Hi vjaġġ lura lejn l-għeruq li fadal, 'il quddiem lejn it-tama. Vjaġġ tagħna li aħna konvinti li taħt l-assurdità ta' din il-ħajja hemm bilfors is-sens. Taħt it-tbatija ta' issa hemm il-ferħ ta' għada. Misteru li jista' jiftiehem, rumanz li niktbuh flimkien... bħal storja li għandha skop, bħal mixja lejn xi mkien.

### Mixja lejn xi Ħadd

HU li hu modern u dejjem ġdid, ilbieraħ, illum u għal dejjem. Bil-lejl, f'baħar imqalleb, hemm dejjem Fanal li ma jintefa qatt, u dejjem sod l-istess, minkejja l-mewġ. Ħajjitna hi tassew rumanz bi skop. Il-prova tal-bnazzi tinsab fil-maltemp. Din hi l-wegħda eterna Tiegħu. Kelma li Hu wiegħed li se jżommha. Rumanz reliġjuż modern... dwar Alla, is saċerdot Malti, it tbatija u l fidwa.

Dawn huma t-temi li ridt nippreżenta fit-triloġija **Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija**, magħmula minn tliet rumanzi separati li huma kompleti fihom infushom, imma li jifformaw storja waħda. Bis-saħħa ta' rakkont li jseħħ madwar mitt sena ilu, xtaqt nanalizza lil Malta ta' llum, meta l-għeruq qegħdin jitqaċċtu. •

# Jum l-Omm

TRADUZZJONI TA' ALFRED PALMA




Tard filgħaxija meta jisktu l-ħsejjes
u tistrieħ il-ħajja għaġġelija
nagħlaq għajnejja għal xi waqtiet
u nħossni ninqata' mill-art
intir ħafif 'il fuq 'il fuq
u nerġa' nistħajlek tiftaħli l-bieb ta' tfuliti
mill-ġdid
tilqagħni b'dirgħajk miftuħa u bi tbissima li
sserraħ minn kull inkwiet
tmexxini sal-qalba tad-dar...
u għalkemm naf li dan seħħ bosta snin ilu
u li inti issa 'l bogħod xhur u xhur twal
inħossni għal darb'oħra qribek
u nibki bil-ferħ, biki liberatorju,
inħoss f'dis-siegħa solitarja d-dmugħ
jiżżerżaq ma' sisien ħaddejja
u leħen minn ġewwa jitolbok
biex tibqa' dejjem ħdejja
fid-dawl u fid-dlam, fis-sħana u fil-ksieħ,
int li kont, għadek u tibqa'
OMMI, għażiża ommi.
Inħobbok, inħobbok daqs il-vojt
ħondoq bla qiegħ
ta' ġo fija u li minnek ħiridni u seraqli
kull mistrieħ.

Novella | John Caruana

# SPERANZA U L-MADONNA TAL-ĠENTILI (4)



Min jista jifhem kif taħdem id il-Mulej? Ġara li t-tifel il-kbir tar-rajjes inħakem mill-marda tad-diżenterija u ħadd u xejn ma seta' jfejqu, ħaġa li nkwetat ħafna lit-tabib Fra Feliċ għax kien qed jitlef il-krittu mal-Baxa. It-tabib semma dan l-inkwiet ma' Speranza u talabha titlob lill-Madonna biex iddawlu. Minn naħa tagħha qaltlu li qabel inħatfet mill-furbani hi kienet qisha t-tabib fin-naħa Ta' Għammar għax għal kull weġgħa jew tingiża, in-nies kienu jmorru għandha u qaltlu wkoll kif kienet tieħu ħsieb is-saħħa tat-tfal fir-razzet tal-kenn filgħaxija.

Qaltlu **"ġieli li kellna każi ta' diżenteriji u wieħed devot tal-Madonna kien qalilna li d-diżenterija titfejjaq bil-ħaxixa tal-buqoxru."** It-tabib staqsa x'kienet din il-ħaxixa biex jara jsibx bħalha fil-kampanja tal-madwar. It-tfajla tbissmet u qaltlu li kienet imliet il-but tal-fardal biex tieħdu magħha d-dar **"għaliex jien dejjem nara li jkolli l-buqoxru d-dar għal kull ma jista' jinqala'"**. Imbagħad qaltlu biex jistaqsi lin-nisa, li kienu jikkurawha x'kienu għamlu bi ħwejjiġha.

Fra Feliċ ħa r-ruħ u malajr talab lin-nisa biex iġibulu l-fardal ta' Speranza u jagħmlu attenzjoni li ma jaqa' xejn mill-but. Waħda min-nisa ġabitlu malajr il-fardal bil-but ippakkjat bil-ħaxix kollu ward vjola. It-tfajla spjegatlu kif jagħmel id-duwa mill-buqoxru: **"għalli ftit minn din il-ħaxixa għal nofs siegħa fuq nar ibati u x'ħin jibred xi ftit isqi minnu mimli kikkra lil marid, għal tliet darbiet kuljum, għal xi ġimgħa jew kemm ikun hemm bżonn"**.





*Buqoxru*

It-tabib ħa l-ħaxix f'idejh flieh sewwa, xammu bosta drabi u anki daqu. Imbagħad bil-ħatfa rringrazzja u sellem lil Speranza, ġera lejn il-kċina u beda l-proċess għall-meraq tal-buqoxru. Meta pprepara d-duwa mar jiġri għand il-Baxa jgħidlu b'din s-sejba u kif il-ħaxix wasal għandu. It-tabib qallu l-ġrajja kollha tal-buqoxru u l-Baxa baqa' ftit imħasseb. Imma dak il-ħin ġie qaddej jagħrfu li t tifel kien magħdur ħafna u li donnu kien qed jaqleb għal agħar. Ir-rajjes qal lit-tabib biex imorru malajr ħdejn it-tifel u waqt li qal, **"Sidi Kabir, ipprovda din l-mediċina bla ħsieb tagħha, mela ħa nagħtuh minnha"**. B'ħafna attenzjoni u paċenzja rnexxilhom jisquh il-buqoxru u ħaġa tal-għaġeb it-tnixxija tad-demm bdiet mill-ewwel tnaqqas. It-tifel beda jieħu r-ruħ u wara ftit ġranet fieq kollox, tant li ħarġuh jippassiġġa fil-ġonna tal-palazz.

Il-Baxa mar personalment iżur lil Speranza biex jirringrazzjha għall-fejqan t'ibnu, imma hi kollha mistħija u rasha baxxuta qaltlu, **"It-tifel fejqu Sidi Kabir Allah bit-talb lill-Omm l-Profeta Ġesù." "Imma fieq bis-saħħa tiegħek ukoll u minn issa int ħielsa, jekk trid tista' tibqa' hawn fejn int mgħollija bil-gieħ, jekk trid tmur lura lejn pajjiżek nibgħat in-nies tiegħi jwassluk u nagħtik rigal sabiħ"**. Qalilha l-Baxa u waqt li biesa fuq ġbinha ħalliha fil-preżenza ta' Fra Feliċ.

Fra Feliċ ferħilha ħafna lil Speranza li issa setgħet terġa lura lejn pajjiżha u l-familja tagħha. Hi filwaqt li wriet ix-xewqa li terġa' lura lejn Għawdex qalet lil Fra Feliċ: **"Iva qegħda fuq ix-xwiek biex immur lura lejn Għawdex, imma la ġiet kif ġiet u għandi l-libertà li nibqa' fil-palazz u mmur fejn irrid, għalissa ma rridx immur lura"**, imbagħad qaltlu xi ħaġa bil-mod f'widintu u l-ieħor deher jistgħaġeb, imma qabel magħha.

Il-Baxa kieku xtaq iżommha miegħu, jiżżewwiġha u jagħtiha d-dinjità ta' waħda min-nisa ta' quddiem fil-palazz. Imma meta t-tabib wassallu l-ħsieb ta' Speranza, qallu li ma kienx se jikser il-wegħda li kien għamel lit-tfajla u qal lit-tabib: **"Ibni kien mejjet u tagħtu l-ħajja, mela jixraq li hi wkoll tingħata lura l-ħajja li kellha qabel mal-familja tagħha, għidilha li hawn tista' tibqa' kemm trid u toħroġ kemm trid b'raġel magħha biex iħarisha."**

*(Ikompli...)*



# RIFLESSJONIJIET FUQ *HUMANAE VITAE* (I)



Fil-mixja tagħna fl-apprezzament tat-Teoloġija tal-Ġisem, kif miġjuba lilna mill-Beatu Ġwanni Pawlu II, huwa tabilħaqq importanti li naraw kif din it-teoloġija ġiet influwenzata mill-Enċiklika dwar ir-regolamentazzjoni tat-tnissil il-ħajja, *Humanae Vitae*. F'din il-kitba se naraw dan b'rabta mal-istruttura fundamentali tal-att taż-żwieġ u mal-paternità u l-maternità responsabbli.

Il-paragrafu 12 tal-*Humanae Vitae* huwa dak li jinteressana mill-viċin fid-diskussjoni tagħna tar-relazzjoni bejn din l-Enċiklika u t-Teoloġija tal-Ġisem. It-test jgħid hekk: **"Din id-duttrina partikulari, imfissra spiss mill-Maġisteru tal-Knisja, hija msejsa fuq l-għaqda inseparabbli, stabbilita minn Alla, li l-bniedem, mill-inizjattiva tiegħu, m'għandux ikisser. Dik l-għaqda bejn it-tifsira unitarja u dik prokreattiva huma mdaħħlin it-tnejn fl-Att taż-Żwieġ"**. Dak li Humanae Vitae qiegħdha tgħid hu li l-għan taż-żwieġ huwa doppju: l-imħabba tal-koppja u dak tat-tnissil tal-ulied.

F'dan il-kuntest ikun għaqli jekk naraw ftit l-istruttura fundamentali tal-att taż-żwieġ. Il-Beatu Ġwanni Pawlu II jipprova jfisser il-pożizzjoni kontroversjali u fl-istess ħin mhux mifhuma tal-Papa Pawlu VI

f'*Humanae Vitae* billi juri l-għaliex il-kontraċezzjoni m'hijiex skont id-dinjità tal-persuna. Huwa għaliex l-att taż-żwieġ fih nnifsu, maħluq minn Alla, li jgħaqqad kemm lill-koppja u kif ukoll li jiftaħ għall-ħajja. Meta l-imsieħba tal-koppja jagħtu lilhom infushom lil xulxin impliċitament qiegħdin jistqarru li jixtiequ l-għaqda ma' xulxin u huma miftuħa għall-possibbiltà tat-tnissil. Il-kontraċezzjoni ċċaħħad l-aspett prokreattiv u għalhekk il-verità integrali tal-att innifsu. B'dan il-mod il-koppja m'hijiex tgħid il-verità bl-iġmsa tagħha, imma tigdeb. Iktar milli tilqa' lill-persuna b'mod sħiħ bħalma Alla ħalqu jew ħalaqha, bil-kapaċità li tgħaqqad u tnissel, fil-kontraċezzjoni hemm ir-rifjut tal-persuna l-oħra permezz tar-rifjut tal-fertilità tiegħu jew tagħha.

Fil-fatt, Papa Wojtyla jgħallem hekk nhar il-11 ta' Lulju 1984: **"Il-kliem t'hawn fuq tal-Enċiklika tal-Papa Pawlu VI jikkonċernaw dak il-mument fil-ħajja komuni fejn il-miżżewġin jingħaqdu ma' xulxin fl-att taż-żwieġ u jsiru, skont l-espressjoni biblika, 'ġisem wieħed' (Ġen 2:24). Huwa preċiżament f'dak il-mument tant għani fit-tifsira li l-lingwa tassew importanti tal-ġisem tiġi moqrija mill-ġdid fil-verità. Dan il-qari jsir il-kundizzjoni indispensabbli biex wieħed jaġixxi fil-verità, jiġifieri li jaġixxi skont il-valur u n-norma morali".**

Fl-istess katekeżi l-Papa jkompli jgħid li **"l-att taż-żwieġ ..."** fl-istess ħin jgħaqqad lill-mara u lir-raġel f'intimità mill-iktar intima u jagħmilhom flimkien kapaċi jnisslu ħajja ġdida. Il-wieħed u l-ieħor iseħħu permezz ta' struttura fundamentali. Sakemm dan hu hekk jirriżulta li l-persuna umana (bin-neċessità proprja għar-raġuni, għan-neċessità loġika) jeħtieġ li taqra fl-istess ħin iż-żewġ tifsiriet tal-att taż-żwieġ u kif ukoll il-għaqda inseparabbli bejn it-tifsira unitarja u prokreattiva tal-att taż-żwieġ. Hawnhekk qiegħdin nittrattaw il-lingwa tal-ġisem.

La l-kontraċezzjoni hija gidba, għaliex tmur kontra t-tifisra taż-żwieġ kif riedu Alla. L-att taż-żwieġ miftuħ għall-ħajja jgħolli d-dinjità tal-koppja għaliex iżejjinha bil-maternità u l-paternità responsabbli. Il-Beatu Ġwanni Pawlu II jikkwota kemm id-dokument tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, *Gaudium et Spes* u anki l-*Humanae Vitae*, biex ifisser it-trobbija responsabbli tal-ulied. Il-koppji miżżewġin jeżerċitaw il-maternità u l-paternità responsabbli tagħhom billi jieħdu deċiżjonijiet prudenti rigward il-familji tagħhom imsejsa fuq is-saħħa u ċ-ċirkustanzi personali tagħhom u kif ukoll f'dak li jaqbel għas-soċjetà u l-Knisja.

Anki jekk, minħabba raġunijiet serji, dan jinvolvi li wieħed ma jkollux iżjed ulied għal xi żmien kemm definittiv jew le, il-koppja m'għandha qatt tkisser id-dinjità tal-persuna u tal-att taż-żwieġ billi tuża



l-kontraċezzjoni. Għall-kuntrarju il-koppji jistgħu jużaw mezzi moderni u mill-aktar effettivi ta' Ippjanar Naturali tal-Familja li bihom jistgħu jikkultivaw apprezzament għall-fertilità tal-mara u ta' astensjoni tul iż-żminijiet tal-feritilità. L-għarfien u r-rażan bijoloġiku, li eżerċizzju bħal dan jitlob, jagħmel unur lid-dinjità tal-bniedem.

Fil-fatt, fid-dokument tal-Pawlu Pawlu VI, Humanae Vitae, f'paragrafu 21 nsibu hekk: **"Ir-regolamentazzjoni tajba u leċita tat-twelid tat-tfal tippreżupponi li, l-ewwel u qabel kollox, ir-raġel u l-mara jagħrfu u jivvalorizzaw b'mod sħiħ il-barka vera tal-ħajja familjari, u t-tieni li jiksbu ħakma sħiħa fuqhom infushom u fuq l-emozzjonijiet tagħhom".**

L-istess tagħlim insibuh preżenti f'żewġ katekeżijiet li Papa Wojtyla ta fl-1984. Fl-1 t'Awwissu ta' dik is-sena l-Isqof ta' Ruma qal: **"Il-kunċett tal-maternità u l-paternità responsabbli hemm fih id-dispożizzjoni mhux biss li wieħed jevita iktar twelid, imma wkoll li jkabbar il-familja skont il-kriterji tal-prudenza".** Filwaqt li nhar it-3 t'Ottubru l-Papa għallem: **"Kull min jara biss f'Humanae Vitae t-tnaqqis tal-paternità u l-maternità responsabbli għal sempliċiment ritmi bioloġiċi ta' fertilità ċertament jaqra u jinterpreta l-Enċiklika b'mod żbaljat ... Paternità u maternità, mifhuma b'mod sħiħ, m'hija xejn għajr element importanti tal-ispiritwalità konjugali u familjari ... Is-sagrament taż-żwieġ isaħħaħhom u ... jikkonsagrahom għall-milja tas-sejħa tagħhom."**

Mill-*Humanae Vitae* tal-Papa Pawlu VI u mit-Teoloġija tal-Ġisem tal-Beatu Ġwanni Pawlu II, is-sagrament jingħex meta fiż-żewġ għanijiet ewlenin tiegħu, jiġifieri l-għotja ta' xulxin fl-imħabba u l-ftuħ tal-ħajja umana. Il-kontraċezzjoni hija moralment ħażina għaliex tmur kontra din il-viżjoni tal-Ħallieq. Jekk għal xi raġuni serja ma jkunx possibbli li tnissel l-ulied, il-mezzi moderni u mill-aktar effettivi ta' Ippjanar Naturali tal-Familja għandhom jitħaddmu. L-astensjoni tul iż-żminijiet tal-feritilità għandha iktar ixxennaq il-koppja biex f'waqt propizju tingħaqad fl-att tal-imħabba taż-żwieġ. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom.
Sibu l-kliem mitlufin.

**Nisa fil-Bibbja**

| | |
|---|---|
| BAXEMAT | MILKA |
| BILĦA | OĦOLIBAMA |
| DEBORA | RAKEL |
| DINA | REBEKKA |
| EVA | REWMA |
| ĠUDITTA | SARA |
| ĦAĠAR | SARAJ |
| KETURA | SILLA |
| LIJA | TIMNA |
| MAĦALAT | ŻILFA |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| K | E | T | U | R | A | T | P | Ż | A | U | R | B |
| E | S | A | R | A | J | I | A | M | I | E | V | I |
| M | L | E | K | A | R | M | A | L | W | L | C | L |
| I | K | E | V | A | N | B | Q | M | A | J | F | Ħ |
| L | I | Ħ | J | R | I | H | A | G | U | Ħ | N | A |
| K | D | C | A | L | Ġ | U | D | I | T | T | A | B |
| A | N | G | O | I | P | T | I | M | D | S | Q | M |
| Z | A | Ħ | Q | S | A | X | N | P | A | B | L | X |
| Ħ | O | S | I | M | U | O | A | R | Ġ | I | O | S |
| L | C | R | E | A | Ħ | L | A | T | A | Ż | J | U |
| W | V | X | D | J | Q | A | K | K | E | B | E | R |
| Z | A | O | C | I | T | I | M | N | A | Ż | V | Q |
| B | V | S | I | L | L | A | A | R | O | B | E | D |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħ ta' Marzu 2012**
**Nick Cauchi Grech - H'Attard**

**Ir-rebbieħ ta' April 2012**
**David Attard - Pietà**

# TISLIBA - 115



1. Bla fejda u aktar. (Tit 3,9) **(5)**
2. Mhux għal hekk jew biex inaddaf. (Ġer 4,11) **(6)**
3. Biex hekk tkun ruħu. (1 Kor 5,5) **(5)**
4. X'għamlu l-irġiel. (Ġoż 2,5) **(5)**
5. Ta' min kien il-ġisem. (Ġuda 9) **(4)**
6. It-tul b'kemm driegħ. (Ġdt 1,2) **(5)**
7. Iktar milli tgħallem. (1 Tim 4,11) **(5)**
8. Bin Dodu, l-... (2 Sam 23,9) **(5)**
9. F'dil-belt u Sidon. (Mt 11,21) **(3)**
10. X'kien Ġad. (1 Kron 21,9) **(7)**
11. u 12. Xrobtu, u m'hemmx li ... (Ħag 1,6) **(3)**
13. ... lil dawk li jgħakksuna. (2 Mak 1,28) **(6)**
14. Kienet kbira u mżewqa. (Eżek 17,3) **(5)**
15. F'jum bħal dan. (Sof 3,18) **(5)**
16. *Pinġew* xbieha tal-wiċċ. **(5)**
17. Ma għandux jieħu din. (Lev 21,14) **(5)**
18. U... fl-imħabba. (Efes 4,16) **(7)**
19. Tad-dwieli dan. (Għan 2,13) **(4)**
20. U *nviżta* 'il din id-dielja. (S 80,15) **(3)**
21. Il-quddiemi lejn il-baħar ta' hawn. (Ġoel 2,20) **(5)**
22. X'għandha d-dinja dwar id-dnub. (Ġw 16,8) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' APRIL 2012:**
***1. Salmi; 2. Ġarraf; 3. Nižel; 4. Mimmi; 5. Sħun; 6. Laħam; 7. Arani; 8. Ibħra; 9. Mur; 10. Emminna; 11. u 12. Ifirħu; 13. Ħabbna; 14. Telaq; 15. Ittra; 16. Ħxuna; 17. Inżel; 18. Erbatax; 19. Bati; 20. Bin; 21. Aktar; 22. Ninwe.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' Marzu 2012**
**Daniela Testa - B'Kara**

**Ir-rebbieħa ta' April 2012**
**Dylon Borg - San Ġwann**

**Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet jekk jogħġobhom jiġbru l-premju bejn id-9.00am u 11.30am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874**



# Intervista ma'
# PATRI UGO CREMONA OP EŻORĊISTA

Għeżież qarrejja, f'dawn l-artikli li ġejjin se nippubblika intervisti mal-eżorċisti li bħalissa għandna jaqdu fid-Djoċesi tagħna. Bħalissa għandna 6 saċerdoti reliġjużi li għandhom il-mandat biex jeżerċitaw il-ministeru tal-eżorċistat. Dawn l-intervisti għamilhom is-Sur Melvin Farrugia, ġurnalist, u li kien ippublikahom f'waħda mill-gazzetti lokali. L-ewwel intervista hija ma' Patri Ugo Cremona OP.



*Patri Ugo Cremona OP*



*Melvin Farrugia*

**Melvin:** Kellimna dwar il-ħajja tiegħek u dwar is-saċerdożju tiegħek, x'ġegħlek issir saċerdot u minbarra hekk eżorċista?

**Fr Ugo:** Jiena trabbejt il-Belt u minn dejjem ħassejt is-sejħa li nsir saċerdot. Ta' 17-il sena dħalt novizz Dumnikan u ġejt Ordnat saċerdot ħamsin sena ilu. Għaddejt aktar minn tletin sena ngħallem il-filosofija u t-teoloġija u nagħti konferenzi. Diffiċli li tgħid għaliex għażilt din il-kwalità ta' ħajja. Hija xi ħaġa li tħossha fik u tkun konvint minnha mingħajr ma tista' tispjegaha. Staqsejtni kif sirt eżorċista. Din hi xi ħaġa li wkoll żviluppat waħedha fil-ħajja tiegħi. Min xi għoxrin sena 'l hawn irrealizzajt kemm hu importanti li nitlob man-nies li kienu spiss jiġu għandi b'xi problema. Kultant kienu jiġu minħabba l-mard, u xi drabi minħabba li kienu jħossu li kellhom bżonn ħelsien u liberazzjoni. Ħafna drabi kienu jinħelsu mix-xkiel li kien jorbothom u hekk irrealizzajt kemm hu importanti t-talb għall-ħelsien. Dan kien il-bidu ta' kif intfajt għall-eżorċiżmu. Wara xi żmien l-Arċisqof talabni biex inkun membru fil-Kummissjoni dwar l-Okkult u s-Sataniżmu u ħatar lili u tlieta oħrajn bħala eżorċisti.

**Melvin:** Min hu x-xitan?

**Fr Ugo:** Ix-xitan huwa dak l-anġlu li ħadha kontra Alla minħabba s-suppervja tiegħu u minħabba li ppretenda li hu daqs Alla. Dan ġie mitfugħ fl-abbissi tal-infern u jagħmel minn kollox biex jisraq kemm jista' erwieħ u jbiegħedhom minn Alla.

**Melvin:** Nafu li fost l-anġli hemm ġerarkija: anġli, arkanġli, eċċ. Teżisti ġerarkija fis-saltna dijabolika?

**Fr Ugo:** Ma nistax ngħidlek jekk fost id-demonji hemmx ġerarkija bħalma hemm fis-sema. Biss żgur li hemm spirti li għandhom setgħa biex jagħmlu ħsara aktar minn oħrajn.

**Melvin:** Fir-riti sataniċi, ix-xitan jiġi msejjaħ b'77 isem. L-ismijiet tax-xjaten huma ndikattivi max-xogħol partikolari tagħhom?

**Fr Ugo:** Iva, jidher li l-isem tax-xjaten huwa ndikattiv tax-xogħol li jagħmlu. Bħal kull anġlu ieħor l-isem tagħhom juri l-missjoni tagħhom. Imma rridu nikkonsidraw ukoll li mal-anġli ħżiena fl-infern hemm ukoll l-ispirti ta' dawk li huma kkundannati, li aħna nsejħulhom erwieħ dannati.

**Melvin:** Għaliex waqt l-eżorċiżmu, l-eżorċista jista' jistaqsi l-isem tax-xitan li jkun jaħkem il-persuna? L-isem ifisser aktar minn sempliċi isem?

**Fr Ugo:** Fir-rit il-ġdid tal-eżorċiżmu (jiġifieri fit-talb li jsir biex wieħed jew waħda jkunu lliberati minn xi spirtu ħażin) ma jissemmiex li l-eżorċista jikkmanda lix-xitan biex jiżvela ismu. Imma fir-rit l-antik (li għadu jista' jintuża) meta l-eżorċista jkun ħa l-kontroll f'idejh, hemm li l-eżorċista jista' jistaqsi l-isem tax-xitan li jkun. Mhux neċessarju li l-eżorċista jkun jaf l-isem tax-xitan ħlief biex dan ikollu aktar għarfien ma' min ikun qed jissielet.

*(Tkompli...)* •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI - 27 TA' MEJJU 2012

**Mons. Emanuel Barbara OFMCap, Isqof ta' Malindi, il-Kenja,** se jmexxi konċelebrazzjoni f'JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI, fis-6pm, fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana. Il-ħbieb u l-ammiraturi tal-Missjoni flimkien mal-abbunanti u qarrejja ta' Dawl Franġiskan huma mistiedna għal din l-okkażjoni sabiħa. Wara jkun hemm waqt soċjali fuq is-sur tal-kunvent.